# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum il-Ġimgħa 5 ta' Lulju, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 416/2014 MH**

**Numru:2**

**Neville Farrugia**

**vs**

**Elmein Limited (C-17341)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-15 ta'Mejju 2014** permezz ta' liema ppremetta u talab -

*Illi r-rikorrenti kien impjegat bhala "assistant installer" tal-lifts mas-socjeta' intimata;*

*Illi fl-14 ta' April 2011 huwa kien assenjat mis-socjeta intimata sabiex izarma lift li kien installat fil-kumpless tal-Bugibba Holiday Complex il-Qawra;*

*Illi waqt li kien qieghed fuq il-lant tax-xoghol u Cioe' waqt li kien qieghed jaghmel xoghol ta' Zarmar fuq wiehed mil-lifts ta' 1-imsemmija lukanda, ir-rikorrenti korra fizikament u serjament u dan billi waqa' gholi ta' madwar sular fix-shaft ta' l-imsemmi lift;*

*Illi filfatt huwa kellu jittiehed mill-imsemmija lukanda permezz ta'ambulanza li haditu mal-ewwel l-Isptar Mater Dei ghall-kura. (ara c-certifikat mediku hawn anness u mmarkat Dok "A");*

*Illi ghal dan l-akkadut tahti unikament is-socjeta' intimata bhala l-employer tar-rikorrenti stante li ma pprovdietx sistema ta' xoghol minghajr perikolu u/jew taghmir ghas-sigurta' ta' l-istess rikorrenti;*

*Illi di piu minhabba li huwa kellu perjodu twil ta' konvalexxenza. is-socjeta' intimata iddecidiet unilateralment li tilterminalu l-impjieg tieghu ma l-istess b'dan illi sofra telf konsiderevoli f'introjtu tieghu;*

*Illi b'rizultat ta' dan l-incident ir-rikorrenti sofra danni fuq il-persuna tieghu konsistenti f'dizabilita' permanenti f'saqajh kif certifikat mill-konsulent tal-kirurgija Frederick Zammit Maempel (Dok B) olter li tilef ammonti konsiderevoli ta' flus billi ma setghax ikompli jaghmel ix-xoghol li altrimenti kien setgha jwettaq u sahansitra tkecca mix-xoghol minhabba l-konsegwenzi ta' dan l-incident sfortunat;*

*Illi minkejja li s-socjeta' intimata giet debitament interpellata sabiex tersaq bonarjament ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni b'ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 2012 (Nru. 3770/2012) (Dok C). is-socjeta' intimata naqset u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tiddikkjara li l-Incident tal-14 ta' April 2011 waqt li r-rikorrenti kien qieghed iwettaq dmiru fuq il-post tax-xoghol skond l-istruzzjonijiet ta l-employer tieghu gara unikament b' tort tal-istess socjeta' intimata;*

2. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti konsistenti f'lucrum cessans u damnum emergens in konsegwenza tal-istess incident okkorrendo bl-opera tal-periti nominandni;*

3. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti, 1-ammont hekk likwidat f'terminu perentorju bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' 1-ittra u ufficiali tat-22 ta' Novembru 2012 u l-ispejjez ta' dina l-kawza kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta in subbizjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-socjeta' konvenuta tas-16 ta' Ġunju 2014**[1], permezz ta' liema ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet -

*1. Illi qabel xejn ghandu jigi kkjarifikat illi fil-hin tal-incident in kwistjoni, ir-rikorrent Farrugia kien gie inkarigat sabiex, fl-interess tas-sigurta tar-residenti gewwa l-Bugibba Holiday Complex, il-Qawra, joqghod hdejn il-fetha tal-lift (dak il-hin, zarmat) sabiex sakemm haddiem iehor tas-socjeta' intimata jgib l-injam minn isfel halli tigi mbarrata l-istess fetha, jizgura illi hadd li ma' jersaq qrib is-shaft;*

*2. Illi gara pero illi ghal xi raguni jew ohra, pero zgur mhux bi htija tas-socjeta' intimata, r-rikorrent resaq fit-tarf u kif ghamel hekk inkisret irhama (is-soll) tal-bieb b'dan illi r-rikorrent tilef il-balanc u waqa' ghal madwar sular mill-istess shaft;*

[1] Fol 16 et seq

*3. Illi kuntrarjament ghal dak li gie allegat mir-rikorrent, mhuwiex vera li s-socjeta' intimata naqset milli tipprovdi sistema ta' xoghol minghajr periklu u/jew taghmir ghas-sigurta tal-istess rikorrenti, tant li l-istess kien liebes safety shoes u safety helmet fil-hin tal-incident u inoltre' kien hemm ukoll risk assessment in vigore ai termini tal-ligi;*

*4. Illi jinghad ukoll illi l-impjieg tar-rikorrent gie terminat mis-socjeta' intimata wara l-gheluq tal-perjodu ta' injury leave skond il-ligi, abbazi ta' redundancy, u l-istess tkeccija ma' gietx ikkuntestata mir-rikorrenti;*

*5. Illi minkejja l-lista, prima facie impressjonanti, ta' xhiedha li ghogbu jindika r-rikorrent fit-talba tieghu in sostenn tad-danni li sofra, ghandu jinghad mill-bidu nett illi s-socjeta' intimata tinsab ferm xettika dwar l-allegati konsegwenzi tal-incident in kwistjoni, mhux l-anqas ghaliex hemm diversi persuni li jistghu jixhdu dwar kif wara l-incident in kwistjoni, ir-rikorrent baqa' jaghmel xoghol ta' strapazz u xoghol iehor illi jirrikjedi certu sahha;*

*6. Illi premess is-suespost it-talbiet kollha tar-rikorrent huma pjenament infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt (ara l-ittra bonarja tat-12 ta' Lulju 2012 annessa u*

*mmarkata bhala DOK A apparti r-risposta tas-socjeta' intimata annessa mar-rikors promotur) u ghandhom ghaldaqstant jigu michuda in toto;*

*7. Illi s-socjeta' intimata teccepixxi illi hija ma tahti bl-ebda mod ghal kwalunkwe danni allegatament sopportati mill-intimat. Kif inghad hawn fuq ir-rikorrenti kien gie mqabbad sabiex jizgura li hadd ma jersaq qrib is-shaft imma minflok ghazel li huwa stess jersaq qrib is-shaft u b'hekk sehh l-incident de quo li ghalih allura jigi li jahti esklussivament l-istess rikorrenti;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ghandu jipprova n-natura tad-danni allegatament sofferti minnu;*

*9. Illi ghal kull bwon fini, is-socjeta' intimata qeghda minn hawn tirriserva li tiehu l-passi mehtiega mal-Pulizija Esekuttiva fil-konfront tar-rikorrent f'kaz li jirrizulta illi l-istess rikorrent jkun ttenta juza mezzi qarrieqa sabiex jipprova jaghmel qliegh b'danni ghas-socjeta' intimata;*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-esperti mediċi nkarigati minnha.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur għamel żmien jaħdem bhala *assistant installer* tal-lifts mas-soċjeta' konvenuta li magħha kien ilu jaħdem sa mis-16 ta' Novembru 2009 sakemm ġie terminat ix-xogħol tiegħu fl-14 t'April 2012 fuq bażi ta' *redundancy*. Nhar l-14 t'April 2011, kellu nċident waqt li flimkien ma' mpjegat ieħor kienu qed jagħmlu xi xogħol marbut ma' lifts ġewwa l-lukanda Buġibba Holiday Complex, il-Qawra. Huwa jattribwixxi l-ħtija ta' dan l-inċident fuq is-soċjeta' konvenuta stante li fil-fehma tiegħu bħala *employer* ma pprovdietx sistema ta' xogħol mingħajr periklu u/jew tagħmir għas-sigurta' tiegħu. Peress li sofra ġrieħi li

kkawżawlu diżabilita‘ permanenti, l-attur qed jitlob ukoll lill-Qorti tillikwida u tordna l-ħlas ta' *damnum emergens* u *lucrum cessa*

Minn naħa tagħha s-soċjeta‘ konvenuta tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet tal-attur bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u targumenta li hija ma taħtix għall-inċident in kwistjoni u għalhekk m'għandhiex tirrispondi għad-danni.

Din hija kawża xprunata taħt l-azzjoni akwiliana. Il-Qorti se tibda bl-analiżi tal-provi prodotti.

## A. Dinamika tal-inċident tal-14 t'April 2011

Dakinhar tal-inċident l-**attur xehed** li, flimkien ma' mpjegat ieħor ċertu Ludwic Cassar, kienu qegħdi iżarmaw lift eżistenti ġewwa l-lukanda Buġibba Holiday Complex, il-Qawra. Speċifikatament kienu qegħdin iżarmaw il-bibien ta' kull sular tal-lift il-qadim fejn bdew mill-ogħla sular u jimxu '1 isfel. Il-proċedura biex jinqala l-bieb tal-lift hija li wara li tiżżarma l-kabina tal-lift, jitpoġġew travetti ma' kull sular fis-shaft tal-lift biex imbagħad fuqhom jitpoġġew twavel tal-injam u b'hekk ikunu jistgħu jaħdmu minn fuqhom waqt li qegħdin fis-shaft. Mis-shaft imbagħad ikunu jistgħu jaqilgħu ir-rails, il-bibien tal-lifts u l-makkinarju u r-rails li jkollu kull bieb. Huma kienu jarmaw dejjem is-sular li jkunu qed jaħdmu fuqu u anke s-sular ta' taħt li jkun imiss u meta jlestu minn sular, it-twavel li jkunu użaw kienu jżarmawhom u jarmawhom żewġ sulari '1 isfel biex b'hekk ikolluom dejjem is-sular li qed jaħdmu u dak ta' taħtu bit-twavel.

L-attur ikompli jixhed hekk[2] -

[2] Fol 31

*"Fil-mument li seħħ l-inċident, jien u Ludwig Cassar konna żarmajna l-bibien kollha tal-lift ta' kull sular u jien kont qed inneħħi t-twavel mix-shaft fil-livell tal-Ground Floor filwaqt li Ludwic Cassar kien għadu kemm neħħa t-twavel tal-basement level u kien qiegħed jistennieni fil-fetħa tal-bieb tal-basement biex inneħħi t-twavel mill-ground floor. Waqt li jien kont qed inneħħi t-twavel mis-shaft, is-soll tal-bieb tal-lift li kont qed naħdem fih ċeda bija u b'riżultat jien waqajt fis-shaft m'għoli ta' sular u ksirt saqajja b'dik il-waqa'. Ngħid li dak il-ħin li seħħ l-inċident jien kont liebes is-safety shoes u anke l-vest u s-safety helmet. Ngħid pero' li l-imgħallmin tiegħi ma kinux tawni harness biex nintrabat. F'dan l-inċident jien ksirt il-qasba ta' sieqi x-xellugija riżultat ta' l-istess waqa'.*

*Ludwic Cassar ma ndunax mill-ewwel li jien kont waqajt fis-shaft u kelli ngħajjatlu għall-għajnuna. Naf li Ludwic Cassar sejjaħ għall-għajnuna u tellawni xi persuni li kienu preżenti hemmhekk."*

Mill-lukanda l-attur ittieħed l-isptar b'ambulanza.

**Ludwic Cassar** xehed hekk[3] –

*"Meta wegga' Neville fl-incident li kellu, konna biss jiena u Neville. Dakinhar li wegga' Neville konna lestejna miz-zarmar tal-lift. Ix-shaft fejn kien hemm il-lift kien vojt. Niftakar li jiena inzilt isfel, ground floor. Ghamilt xatba. Anzi inzilt fil-minus one. Lil Neville hallejtu ghassa max-shaft. Kien level zero, igifieri ground floor. Din kont poggejt jien nofs folja tal-injam mal-fetha tax-shaft. L-istess kellu jaghmel Neville biex b' hekk inkunu certi li hemm is-safety ma jkunx hemm xi*

[3] Fol 229 et seq

*hadd u jaqa' gox-shaft. Il-procedura kienet illi konna tilghin sular sular mhux bdejna minn fuq u bqajna nezlin isfel.*

*Jiena kont qieghed fil-fetha tax-shaft. F' hin minnhom gie haddiem jahdem mal-kuntrattur Vassallo Builders u beda jkellimni. L-injama kienet f' idi, kont ghadni ma poggejthiex f' postha. L-injama suppost imbaghad kelli insammarha mal-hajt. Li niftakar hu li waqa' skoss gebel fuqi u fuq dan ir-ragel. Ir-ragel ta' magenbi spicca b' farrett f' rasu. Il-materjal, dan il-gebel, nizel fix-shaft u jien intlaqatt. Kif ghidt, kont qieghed fil-fetha lest biex inpoggi l-injama.*

*Jiena mort naghti l-ghajnuna lil dan ir-ragel. Imbaghad f' hin minnhom bdejt nisma lil xi hadd isejjahli ismi "Ludvic, Ludvic". Ghidtlu "hallini, qed nghin xi hadd wegga'!" Qalli "miniex qieghed fuq, jien qieghed isfel". Indunajt illi kien qed ikellimni Neville pero` jien ma rajtux jinzel mix-shaft fis-sular fejn kont jien. Din haga grat f' daqqa. Jien kull ma rajt kien siment niezel ghal fuqna, fis-sens kienu forma ta' gebel, bicciet tal-gebel. Helmet ma kontx liebes jiena. Ic-cirkostanzi kienu tali illi jien ma kellix bzonn illi hemmhekk nilbes helmet. Hadd ma kien johlomha li se jispiccaw jaqghu dawn il-bicciet tas-siment fuq rasi.*

*Jien mort hdejn ix-shaft u rajtu qieghed fil-pit. Dan huwa l-parti tal-qiegh tax-shaft. Tkun bejn wiehed u iehor xi 1.2 meters 'l isfel mill-fetha tax-shaft. Jiena inzilt fil-pit hdejn Neville. Ghintu u rnexxieli nohorgu minn hemm. Cempilna l-ambulanza. Spiccajna ovvjament l-isptar. Nikkonferma illi jien kelli nsir naf u rajtha b' ghajnejja illi l-parti tas-soll kienet cediet b' Neville. Il-parti tas-soll hija li tigi quddiem fejn hemm il-fetha. Kif ghidt, Neville kien qieghed f' level zero, ground floor. Jidher li f' dan il-kaz cediet parti mis-saqaf. Jien qatt ma rajt kaz bhal dan kemm ili nahdem fil-qasam tal-lifts. Ili nahdem f' dan il-qasam ghal tnax-il sena."*

**B. Diżabilita' permanenti**

Fl-atti tressqu diversi provi li jixħtu dawl fuq il-ġrieħi li ġarrab l-attur bl-impatt tal-waqgħa tiegħu dakinhar tal-inċident. Apparti dokumenti mill-isptar u xhieda fosthom ta' terapisti li kienu parti mill-kura li nghatat lill-attur, ġew esebiti wkoll is-segwenti rapporti mediċi li kollha kkonfermaw li b'riżultat tal-inċident in kwistjoni l-attur sofra diżabilita' permanenti -

i) **Il-*Consultant Orthopaedic Surgeon* Mr Frederick Zammit Maempel, bħala espert *ex parte* nkarigat mill-attur**, eżaminah fit-13 t'April 2012 u kwindi sena wara l-inċident. Wara diversi konstatazzjonijiet ta' natura medika, **dan il-konsulent ikkonkluda li l-attur sofra diżabilita' permanenti ta' 8% kawża tal-inċident mertu tal-kawża[4];**

ii) **Il-*Consultant Orthopaedic Surgeon* Mr Carmel Sciberras**, inkarigat mill-Qorti bħala espert tagħha, fir-rapport tiegħu preżentat fit-3 ta' Ġunju 2015 irrelata li[5] –

*"M'hemmx dubju li l-ksur li ġarrab is-Sur Farrugia affetwawlu l-ġog tal-għaksa x-xellugija u għalhekk żviluppa l-artrite fi żmien qasir. Jekk jibqa' sejjer hekk jista' jkollu bżonn li dan il-ġog jitwaħħal f'pożizzjoni fissa (arthrodesis) u allura jitlef il-moviment 'l isfel u 'l fuq għal kollox iżda x'aktarx jonqoslu l-uġiegħ."*

Dan l-espert żied jgħid li minħabba li l-attur tqawwa, qed jagħmel aktar piż fuq din l-għaksa difettuża u b'hekk jgħarraqha aktar malajr. Dan kollu jnaqqaslu l-opportunitajiet biex isib xogħol.

[4] Rapport a fol 7 et seq
[5] Rapport a fol 240 et seq

**Id-diżabilita' permamenti tal-attur b'riżultat tal-inċident in eżami ġiet stabbilita minn dan l-espert mediku għal 9%.**

iii) **Il-*Consultant Orthopaedic Surgeons* Mr Massimo Abela, Mr Anthony Bernard u Mr Ryan Giordmaina,** nkarigati mill-Qorti bħala periti perizjuri fuq talba tas-soċjeta' konvenuta taw is-segwenti opinjoni medika[6] –

*"Neville Farrugia ġarrab ġrieħi ta' natura gravi wara li waqa' għoli ta' sular fl-14 t'April 2011. Ġarrab ksur tal-għadam tal-għaksa tax-xellug. Riżultat tal-istess ksur żviluppa artrite fil-ġok tal-għaksa x-xellugija. Din l-artrite qed tikkaġunalu wġiegħ mal-mixi u taffetwalu l-ħajja u l-attivitajiet ta' kuljum. Hemm possibilta' li jiġi bżonn operazzjoni maġġura jekk dawn il-problemi jmorru għall-agħar – Ankle fusion/arthrodesis."*

**Dawn l-esperti mediċi stabbilew diżabilita' permanenti ta' 8% li l-attur sofra kawża tal-inċident in kwistjoni.**

**<u>Fid-dawl tar-rapporti mediċi suesposti, l-Qorti ser tqis meħuda n konsiderazzjoni dawn l-opinjonijiet mediċi li tista tgħid li huma kważi konkordi, li l-attur sofra diżabilita' permanenti ta' 8% b'riżultat tal-inċident tal-14 t'April 2011</u>.**

Jirriżulta wkoll li kawża tal-inċident in kwistjoni u l-ġrieħi li ġarrab, l-attur dam madwar sena bl-*injury leave*. Kif xehed Josef Muscat, direttur tas-soċjeta' konvenuta, peress li eventwalment l-attur kien talab li jingħata xogħol *light duty* u dan ma kienx disponibbli, is-soċjeta' tterminat l-impjieg tal-attur fuq bażi ta'

[6] Rapport a fol 423 et seq

*redundancy* fl-14 t'April 2012. Din it-terminazzjoni ma ġietx kontestata mill-attur.

## Ċ. <u>Responsabbilta' għall-inċident</u>

**L-artikolu 1033 tal-Kodici Ċivili** jipprovdi hekk:

*"Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."*

Peress li l-inċident in kwistjoni ġara fuq il-post tax-xogħol, japplika wkoll l-**Att dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta)** li jobbliga lil min iħaddem biex jiggarantixxi ambjent sikur għas-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati tiegħu kif ukoll li jforni lill-impjegati tiegħu bil-mezzi kollha u bl-apparat neċessarju għal dan il-għan.

Fl-artikolu 6 tiegħu, dan l-Att jestabilixxi li -

**"6.** *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas*-sigurtà *fuq il-*postijiet *tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq* il-postijiet tax-*xogħol, għandhom jittieħdu fuq* il-*bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b)* l-*identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-*riskji li ma *jistgħux jiġu evitati;*

*(d)* il-kontroll mill-*bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-*riskju kemm ikun *raġonevolment* prattiku, *inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta'* protezzjoni individwali;

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta'* postijiet tax-*xogħol, l-għazla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-*progress *tekniku* fl-interess *tas-saħħa u tas-*sigurtà *fuq* il-post *tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata* policy *ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol,* il-kundizzjonijiet *ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-*ambjent *tal-post tax-xogħol.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem*

*għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol.*

*(4) Min iħaddem għandu jiżgura li f'dawk il-postijiet tax-xogħol fejn jaħdem għadd suffiċjenti ta' ħaddiema, għandhom jiġu eletti, magħżulin jew mod ieħor nominati, persuna jew persuni bħala r-Rappreżentant jew ir-Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, u liema rappreżentanti jiġu konsultati minn qabel u fi żmien raġonevoli minn min iħaddem dwar dawk il-ħwejjeġ li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

**L-Avviż Legali 36 tal-2003 intitolat "Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol" (L.S. 424.18)** ikompli hekk -

**4.** *(1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.*

*(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża.*

*(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u tagħrif kif meħtieġ: Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta' aggustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li*

*jinbidlu.*

***5.** Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu, wara li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet ta' l-impriża u, jew ta' l-istabbiliment –*

*(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa."*

L-istess Kap 424 jipprovdi wkoll dwar **id-dmirijiet u l-obbligi tal-ħaddiema** -

***7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

*(2) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà."*

**L-Avviz Legali 36 tal-2003** imsemmi jkompli hekk:

*"**15.** (1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu skond it-tagħrif u l-istruzzjonijiet*

*mogħtija minn min iħaddem.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:*

*(a) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;*

*(f) jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom."*

Issir referenza wkoll għar-regolamenti tal-leġislazzjoni sussidjarja:

**L.S. 424.09 intitolata Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol, Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali.**

**L.S. 424.18 intitolata Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol.**

Fil-każ **Saviour Farrugia vs Korporazzjoni Enemalta deċiż fit-18 ta' Marzu 2016**[7] din il-Qorti elenkat rassenja ta' ġurisprudenza dwar l-obbligi legali ta' min iħaddem u tal-ħaddiema -

*"Il-prinċipji legali appena ċitati ġew ripetutament riaffermati mill-Qrati tagħna. Il-kżz fl-ismijiet **Kenneth Borg vs FXB Joiners Ltd et** deċiż fis-26 ta' Ġunju 2014 jiġbor fih sinteżi ta' ġurisprudenza dwar id-dmirijiet kemm ta' min iħaddem u anke tal-ħaddiema:*

*"Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawża, fl-ismijiet "**John Sultana vs Francis Spiteri et noe**", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju 1979, "min iħaddem għandu d-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem."*

*Ġie ritenut ukoll li a safe system of work u a safe working environment ifissru li min iħaddem hu obbligat li jassigura li "l-makkinarju u l-istrutturi provduti minn min jagħti x-xogħol għandhom jiġu regolarment mantenuti u miżmuma ħielsa minn difetti u mankanzi"* - *"**Julie Scicluna pro et noe vs Sammy Meilaq nomine et"** (Citazzjoni numru 11/92DS).*

*Inoltre, ġie ndikat li min iħaddem għandu l-obbligu u d-dmir li jara wkoll li l-ħaddiema tiegħu jkunu mħarrġa għat-tip ta' xoghol li jkunu mqabbda jagħmlu. Il-ħsieb legali fil-materja ġie spjegat mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawża bl-*

[7] Rik Gur 852/12

*ismijiet* ***"Francis Buhagiar et vs Segretarju tal-Ufficcju tal-President ta' Malta et"*** *- deċiża fid-29 ta' Mejju 2009. Il-Qorti skartat it-teżi li "teżisti xi forma ta' strict liability, jew responsabbilta' oġġettiva li tpoġġi lill-imgħallem li jagħmel tajjeb - billi jerfa' r-responsabbilta` – tas-sinistru li jkun seħħ". Kompliet "Kif tajjeb ġie elaborat mill-ewwel Qorti, is-sistema legali tagħna dwar responsabbilta` fejn jirriżulta event dannuż hija 'fault-based.' Fi kliem ieħor f'kull każ irid ikun hemm nexus ta' bejn il-kawża u l-effett għal dak li jkun ġara."*

*Fil-każ ċitat, il-Qorti ta' l-Appell osservat li x-xogħol li l-attur/appellant kien ġie mqabbad li jagħmel kien jinvolvi xejn riskjuż - ma ngħatax attrezzi difettużi u lanqas kien jirriżulta xi forma ta' ness bejn l-event dannuż u r-responsabbilta` tal-"employer" talli ma pprovdiex "a safe system of work" lill-impjegat tieghu.*

*Kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet* ***"Bugeja vs Montanaro Gauci"*** *- deċiża 14 ta' Mejju 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilta` lill-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċken possibilita ta' infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

*Hu daqstant minnu iżda, li, min iħaddem, hu obbligat ukoll li jipprovdi kontra l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal li jaqgħu fiha l-ħaddiema u li ħafna drabi hi ndotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali (ara "**Grech vs Farrugia**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1994). Hekk ukoll ġie ritenut fil-kawża "**Borg vs Wells**" (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Settembru 1981) "In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen become careless in works involved in their daily work" u " dan tenut kont ta' l-atmosfera tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib*

*il-ħaddiem fil-kors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol u nuqqas ta' ħaddiema oħra li jkunu nkarigati biex jaħdmu miegħu".*

*Pero' huwa dejjem l-obbligu tal-ħaddiem li joqgħod attent waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħolu - għalhekk min iħaddem m'għandux ikun tenut li jipprovdi kontra negliġenza grassa, għax anke l-ħaddiem hu mistenni li joqgħod attent u juża d-diliġenza fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikoli fuq ix-xogħol, u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-riskju tal-ħsara (ara "**Sciriha vs O'Flaherty noe**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Mejju, 1994).*

*Dwar il-provi li jridu jinġiebu u l-onu ta' l-istess insibu fil-każ* **Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited** *deċiża fid-29 ta' Settembru 2011 fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh ;*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull*

*periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi;*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru;*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li ta' bilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability").*

*Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm il-darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel;"*

*Dawn il-principji gew ukoll ripetuti fil-kawza fl-ismijiet* **Emmanuel Spiteri vs G.S.C. Limited** *deciza fil 5 ta' Ottubru, 2010: P.A. 671/1997/1 JRM -*

*"Illi l-Qorti tibda biex tghid li fejn jidhol korriment (jew mewt) waqt il-qadi tax-xogħol li wiehed ikun tqabbad jagħmel, il-prova tar-responsabbilta` ta' dik il-grajja xorta wahda taqa' fuq min ikun indarab (jew dawk li jigu minnu). Il-fatt waħdu li persuna tkorri (jew tmut) fuq il-post tax-xogħol ma tfissirx awtomatikament it-tqegħid tar-responsabbilta' fuq l-imgħallem u l-ħelsien għal kollox tal-parti midruba mill-ħtiega li tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan hu skond ir-regola ewlenija tad-dritt procedurali li min jallega jrid jipprova bl-ahjar mod li titlob il-ligi. Tal-anqas, il-parti attrici tkun trid turi tajjeb biżżejjed li sehh dak l-incident u li min-naha taghha (jew l-awtur taghha) jkun sar dak kollu li juri li dak li gara ma jkunx ingab b'idejn dak li jkun;*

*Illi, madankollu, dak il-piż jaf il-limitazzjonijiet tiegħu minħabba li, fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli specjali dwar dak li jsehh meta ħaddiem jew terza persuna ggarrab incident bhal dak. Bit-tħaddim tar-regoli generali tal-ligi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwiegeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija ghal incident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun flwiddbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuragni jew b'rieda, ikun hu nnifsu*

*gab l-effetti tal-incident b'idejh;" (Ara ukoll App.Ċiv fl-ismijiet* ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd*** *deċiża fid-9 ta' Jannar, 2009)."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tosserva li –

1. Fil-ħin li seħħ l-inċident, il-kollega tal-attur Ludwic Cassar ma kienx jinsab ħdejh, għax kif xehed hu stess kien jinsab fil-fetħa tas-shaft sular aktar 'l isfel minn fejn kien l-attur u kien ukoll qiegħed jitkellem ma' impjegat ta' kumpanija terza. Għaldaqstant sejra toqgħod fuq il-verżjoni tal-attur għal dak li jirrigwarda d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident;

2. Ma jirriżultax li l-attur ma kkoperax mal-employer għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Ġie konfermat mill-provi li fil-ħin tal-inċident l-attur kien liebes is-*safety equipment* kollu disponibbli li tagħtu s-soċjeta' konvenuta u ċioe' s-*safety shoes*, il-*vest* u s-*safety helmet*;

3. Inoltre, l-fatt li fil-kors tax-xogħol l-attur u l-kollega tiegħu kienu qed jarmaw travetti bit-twavel fuqhom anke f'kull sular taħthom, kien għaqli minn naħa tagħhom għax dan serva wkoll bħala lqugħ f'każ ta' aċċident biex inaqqas mill-għoli tal-waqgħa;

4. Il-Qorti ma tqisx li d-dinamika tal-inċident tipponta lejn traskuraġni jew negliġenza da parti tal-attur. Huwa konċepibbli li waqt li l-attur kien qiegħed jimmanuvra biex ineħħi t-tavla mis-shaft kien kostrett li jkun viċin il-bokka tiegħu. Ukoll, biex jagħmel tali manuvra inevitabilment kellu juża ċertu saħħa u anke jiċċaqlaq. Ċertament ma jistax jingħad li kien xi nuqqas jew traskuraġni tiegħu li saqajh spiċċat fuq is-soll li ċeda bih bir-riżultat li l-attur waqa' m'għola sular għal isfel;

5. Huwa l-obbligu tal-employer li jipprovdi *a safe system of work* għall-ħaddiema tiegħu. Dan jinkludi qabel xejn taħriġ idoneu għall-ħaddiema. Kif irriżulta mill-provi la l-attur u lanqas il-kollega li kien miegħu dakinhar tal-inċident ma kellhom ebda taħriġ mogħti lilhom mill-kumpanija dwar *health and safety* b'rabta max-xogħol tagħhom;

6. Għal dak li jirrigwarda l-apparat, Josef Muscat, direttur tas-soċjeta' konvenuta xehed li huma jipprovdu *"safety shoes, harness, il-vest, helmets, il-basics li għandhom bżonn jiġifieri meta nagħmlu risk assessment, x'jitlobna r-risk assessment li jkun hemm bżonn*[8]*."* Pero' għalkemm is-soċjeta' konvenuta tgħid li kienet wettqet *risk assessment* fir-rigward tax-xogħlijiet fil-lukanda in kwistjoni u ppromettiet li tesebixxi kopja tar-rapport fl-atti, dan baqa' ma seħħx. Dan inissel dubju serju fil-Qorti dwar kemm effettivament ir-*risk assessment* kien sar minn naħa tagħha fil-każ odjern. Għax kieku nvestiet *f'risk assessment* - li għal fini ta' din il-kawża kien ser jixħet dawl aħjar fuq il-miżuri ta' sikurezza li ħadet a favur il-ħaddiema tagħha għal matul ix-xogħlijiet fil-lukanda in kwistjoni - ċertament ma kinitx ser toqgħod lura milli tippreżentah bħala prova ewlenija fid-difiża tagħha;

7. Ludwic Cassar xehed li *harnesses* kellhom magħhom dakinhar tal-inċident[9]. L-attur jiċħad li dan il-każ u jinsisti li *harnessess* ma kellhomx. Jekk hux minnu jew le li dakinhar kellhom dan l-*equipment* kollu magħhom il-Qorti ma tistax tkun taf. Pero' fi kwalunkwe każ, jekk il-ħaddiema jkollhom *equipment* la ma jkunux ġew iħarrġa biex jużawh, jew mhux il-ħaddiema kollha jkollhom l-apparat, allura l-iskop ikun xorta għalxejn[10] -

---

[8] Fol 290
[9] Fol 231
[10] Fol 313

*Dr Victor Axiaq: Ok mela issa inti tikkonferma fl-affidavit tiegħek illi fil-ħin tal-inċident kont liebes is-safety equipment illi kellkom. Fl-affidavit tiegħek qed tgħid illi kont liebes is-safety helmet, is-safety shoes, kont liebes dawk l-affarijiet. Mela ngħid sew li anke harness kellek, safety harness?*

*Xhud (attur): Le*

*Dr Victor Axiaq: Ma kellek qatt jew ma kellekx dak il-ħin?*

*Xhud (attur): Ma kelli qatt, qatt ma ġie provdut lili.* ***Lanqas naf nilbsu jiġifieri ma nistax nilbes oġġett li ma nafx nilbsu."***

Din ix-xhieda tal-attur ma ġietx kontradetta mis-soċjeta' konvenuta infatti ma nġabux provi li juru li l-attur kellu dan l-apparat jew li kien ġie mħarreġ kif jużah;

8. Inoltre, kif ingħad fis-suespost, wieħed mill-obbligi tal-ħaddiema huwa li jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu ragunijiet jikkunsidra li tipprezenta periklu serju u imminenti ghas-sahha u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni. L-attur isemmi li huma bħala mpjegati kienu ilhom xi ġimgħa bil-battibekki mal-lukanda u anke mal-foreman tal-kumpanija konvenuta u talbu li l-bibien tal-lifts ma jiżżarmawx qabel ma titwaħħal il-pjattaforma l-ġdida tal-lift il-ġdid għax din il-manuvra tal-qlugħ tal-bibien kienet ser iddgħajjef l-irħama u t-torba ta' taħtha. L-istess attur kompla jgħid li minn naħa tal-kumpanija *"la tawni raġun u lanqas qaluli xejn, just bagħtuni hemmhekk biex naqilgħu l-bibien*[11]*";*

[11] Fol 315

9. L-istess soċjeta' konvenuta, li ma nnegatx li kellha din l-informazzjoni, ippruvat iddawwar dan kollu kontra l-istess attur għax fil-fehma tagħha la l-attur kien konxju li s-soll seta' ddgħajjef allura ħa riskju li kien viċin il-bokka. Pero' l-Qorti tirrileva li anzi kienet ir-responsabilta' tagħha li tara li x-xogħlijiet isiru b'mod li ma jinħoloqx riskju għall-ħaddiema għax finalment, kif qal l-attur, la hu xorta ntbagħat biex jaqla' l-bibien, huwa kien sempliċi mpjegat u hekk kellu jagħmel. Fil-fatt issikkat għalfejn xorta mar jagħmel ix-xogħol indikat, baqa' jwieġeb li jew hekk jew jitlef xogħolu, jikkumenta *"...nagħmel allura ma mmurx għax-xogħol?"*[12]. U żgur ma jistax jingħad li l-attur kien meqjus li kellu l-konsapevolezza li s-soll seta' jinqasam u jaqa' bih b'kollox;

10. Il-Qorti tqis li f'dan ix-xenarju l-attur kien qed iwettaq xogħol li kien jimplika riskju, u li għalih mhux biss ma kellux taħriġ iżda lanqas kien hemm fis-seħħ a *safe and system of work*. Mhuwhiex il-kompitu tal-Qorti li tidentifika hi kif u b'liema mod kellha titħaddem sistema li tipproteġġi s-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol. Li hu żgur huwa li bil-mod kif l-attur u l-kollega tiegħu kienu ordnati li jwettqu x-xogħlijiet fil-lukanda in kwistjoni, ma kellhomx struttura u apparat adegwat biex jilqgħu għall-periklu li setgħu jiġu ffaċjati bih fil-kors tax-xogħol tagħhom. U inoltre, s-sorveljanza mis-superjuri tagħhom kienet minima, tant li lanqas il-foreman ma kien ikun kontinwament preżenti fuq il-post;

11. Għal kull buon fini jissemma wkoll li fl-inċident li fih weġġa l-attur, spiċċaw weġġgħu ukoll il-kollega tiegħu Ludwic Cassar u terża persuna li dak il-ħin kien qiegħed ikellem lil Cassar.

[12] Silta riprodotta ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti imma bi skop li tintefa' responsabilta' ta' l-akkadut fuq l-attur.

Magħmula l-osservazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li hija s-soċjeta' konvenuta li għandha ġġorr ir-responsabilta' sħiħa għall-inċident in kwistjoni. Konsegwentement hija għandha tagħmel tajjeb ukoll għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur kawża ta' dan l-inċident.

**L-ewwel talba tal-attur għalhekk sejra tiġi milqugħa.**

**D. <u>Likwidazzjoni u ħlas ta' danni</u>**

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni u t-tielet talba tal-attur dwar il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

Jiġi osservat qabel xejn li l-partijiet ressqu numru ta' xhieda sabiex jikkorroboraw it-teżi tagħhom b'rabta mal-konsegwenzi li l-attur sofra fil-kwalita' ta' ħajtu b'riżultat tal-inċident. Fost oħrajn l-attur ressaq familjari u terapisti biex juri li wara dak li seħħ fl-14 t'April 2011 huwa ma setax jimxi għal distanzi twal mingħajr l-użu ta' krozza u kellu problemi biex isib xogħol alternattiv b'light duties. Minn naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta ressqet xhieda, primarjament investigatur privat minnha nkarigat, li minn naħa tiegħu qal li rriżultalhom li l-attur kien beda jaħdem ta' DJ almenu darba f'ġimgħa ġewwa stabbiliment lokali kif ukoll intlemaħ jimxi mingħajr krozzi. Ġew esebiti filmati u ritratti li uħud minnhom ġew fermement opposti mill-attur in kwantu sostna li l-persuna fir-ritratt ma kienx hu.

Il-Qorti pero' tagħmilha ċara li f'dan ir-rigward, hija beħsiebha timxi fuq dak li kkonkludew il-ħames esperti mediċi li rrelataw fil-kawża odjerna u li bl-aktar mod uniformi konsistenti kollha kkonfermaw li l-attur sofra diżabilita'

permanenti li għalkemm mhijiex għolja, xorta kellha grad ta' mpatt fuq il-kwalita' tal-ħajja tiegħu.

Miżmum il-premess, il-Qorti sejra tipproċedi bil-kunsiderazzjonijiet tagħha.

**L-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili** (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi–

*"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib:*

*Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Fis-sistema taghna, id-danni likwidati jkopru kemm dawk attwali (*damnum emergens*) u kemm dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

## a. Damnum Emergens

L-attur qed jitlob is-somma ta' €160 għal konsulti mediċi b'rabta mal-inċident. Madankollu għalhekk huwa jindika li l-irċevuti relattivi ġew esebiti in atti, dawn ma ġewx rintraċċati u ma jirriżultax li effettivament ġew esebiti għalkemm saret referenza għalihom. Il-Qorti għalhekk ma tistax tilqa' din it-talba.

L-attur qed jitlob ukoll riżarċiment tal-paga mitlufa minħabba l-korriment tiegħu għall-pejodu mill-inċident sakemm l-impjieg tiegħu ġie terminat mis-soċjeta' konvenuta. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li –

i) Peress li fis-sena 2010, sena qabel l-inċident, il-paga gross tal-attur kienet ta' €10,675[13] filwaqt li fis-sena 2011, is-sena tal-inċident, il-paga gross tiegħu niżlet għal €7,455[14] b'dana li allura fis-sena 2011 huwa rċieva €3220 inqas f'paga; u

ii) Peress għall-perjodu li ħadem mas-soċjeta' konvenuta matul is-sena 2012 huwa qala' s-somma ta' €3,955[15], filwaqt li kif ingħad, fis-sena 2010, il-paga gross tiegħu kienet ta' €10,675, l-attur irċieva €48 inqas;

**il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-attur li jitħallas is-somma ta' €3,268 bħala damnum emergens.**

## b. Lucrum Cessans

[13] FSS tas-sena 2010 a fol 36
[14] FSS tas-sena 2011 a fol 37
[15] FSS tas-sena 2012 a fol 38

Għal dak li jirrigwarda *lucrum cessans*, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-każ **Simon Abela vs Alexander Mifsud deċiż fis-6 ta' Lulju 2021 -**

*"50. Jirriżulta, kif intqal fis-sentenza* ***Emmeline Cini vs Antoine Cachia****, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2013, il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qliegħ futuri minħabba l-inkapaċita`, it-telf ta' paga jew qliegħ ieħor attwali li sofra lpersuna li sofra t-telf. Tali kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant iżda hija regolata minn ċerti prinċipji, għalkemm mhux assoluti.*

*51. Fil-każ* ***Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd*** *deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti stabbiliet:*

*"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid isir fuq it-telf ta' qliegħ li l-attur seta' bagħta diġa' minn dakinhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbagħti 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huwa ġarrab flinċident mertu tal-każ."*

*52. Jirriżulta wkoll illi fil-kawża* ***Paul Debono vs Malta Drydocks*** *deċiża mill-Prim' Awla fis-27 ta' April 2015 ġie ritenut:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hija ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ futuri minħabba l-*

*inkapaċita`. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjanti ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, pero` l-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."*

Il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

a. Għal dak li huwa **persentaġġ ta' diżabilita'**, il-Qorti sejra tadotta l-persentaġġ ta' **tmienja fil-mija (8%)** għar-raġunijiet indikati fis-suespost;

b. Dwar **il-multiplier**, ingħad hekk fil-każ **Ray Vella et vs Anthony D'Anastasi et deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2023 –**

*"63. Meta seħħ l-inċident (f' Lulju 2004) l-attriċi kellha 37 sena. L-Ewwel Qorti qieset l-iskeda suġġerita fis-sentenza Carmen Borg v. Eric Zammit7 ta' kif għandu jiġi applikat il-multiplier skont l-età tal-vittma. F' tali skeda, għall-age bracket ta' 36-40 hemm suġġerit multiplier ta' 18, u għalhekk l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-multiplier għandu jkun 18.*

*64. L-atturi appellanti jargumentaw li meta seħħ l-inċident l-attriċi kellha 35 sena u li ladarba l-età tal-irtirar hija dik ta' 65 sena għalhekk kellu jittieħed multiplier ta' 30.*

*65. Kif ingħad, l-attriċi kellha 37 sena u mhux 35 sena. Issa kwantu għall-iskeda addottata mill-Ewwel Qorti, din qiegħda hemm sabiex ikun hemm speċi ta' linja*

*gwida bl-intiża li kemm jista' jkun ikun hemm uniformità fil-mod ta' kif il-qrati jikkalkulaw l-multiplier. Madanakollu il-qrati mhumiex marbuta ma' tali skeda b'mod li m'għandhomx diskrezzjoni jiddipartixxu minnha jekk jidhrilhom li hekk hemm bżonn. Fil-fatt, inċidentalment, f' sentenza mogħtija fid-9 ta' April 20188 fil-kawża fl-ismijiet Catherine Mifsud v. Josef Vella, l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (kif preseduta f' din il-kawża odjerna) applikat multiplier ta' 28 fir-rigward ta' persuna li fiż-żmien ta' inċident kellha 37 sena, eżatt daqs kemm kellha l-attriċi fil-każ tal-lum.*

*66. Il-valur tal-multiplier applikat mill-qrati ġeneralment ikun inqas min-numru ta' snin lavorattivi li jkun fadal lill-vittma sal-età tal-irtirar tagħha; dan considerando l-fatt li l-vittma, setgħet, fil-kors tal-ħajja normali tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-penzjoni. Iżda il-Qorti għandha tqis kull każ għalih. Hekk per eżempju, jekk il-vittma tmut fil-mori tal-kawża, il-multiplier għandu jinħadem fuq is-snin mill-inċident sal-mewt (u aktarx allura se jkun inqas minn dak suġġerit fl-iskeda). Min-naħa l-oħra, jekk per eżempju l-proċeduri ġudizzjarji kienu partikolarment twal b'mod li mid-data tal-inċident sad-data tas-sentenza għaddew numru konsiderevoli ta' snin jista' jkun il-każ li l-multiplier suġġerit fl-iskeda jirriżulta pjuttost baxx, stante li huwa diġà magħruf li l-vittma baqgħet qawwija u sħiħa għal tali ammont ta' snin. Fil-fatt fil-każ in kwistjoni mid-data tal-inċident fl-2004 (meta l-attriċi kellha 37 sena) sad-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti għaddew xejn inqas minn 14-il sena. Fiċ-ċirkostanzi l-Ewwel Qorti messha allura addottat multiplier ikbar minn 18; fil-fehma ta' din il-Qorti multiplier ta' 25 (ċjoè 3 snin inqas mis-snin lavorattivi ta' 28 li kien fadlilha sakemm tagħlaq 65) huwa iktar ġust u raġonevoli, u għalhekk din il-Qorti sejra tapplika dan il-valur."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti tinnota li l-attur twieled fl-24 ta' Settembru 1980[16] u għalhekk fl-epoka tal-inċident kellu 30 sena. Jekk wieħed jara l-multiplier użat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appena ċitata, dan kienu jammonta għal 27. Pero' ma' dan il-Qorti żżid li mill-inċident li seħħ fl-2011 sal-lum għaddew tlettax -il sena. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, anke fil-każ odjern għandu jiġi adottat multiplier akbar minn 27. A bażi tal-insenjament ċitat, **il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' 32** (3 snin anqas mis-snin lavorattivi ta' 35 li kien fadallu l-attur sakemm jagħlaq 65 sena).

ċ. Dwar **l-introjtu tal-attur** għal kull buon fini l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Louis Spiteri et vs Citadel Insurance plc et deċiż fit-3 t'Ottubru 2018** fejn esprimiet ruħha dwar jekk l-introjtu għandux ikun kalkulat bħala *gross pay* jew *net pay*.

Hija kienet qalet hekk -

*"Il-Qorti hija konxja li l-ġurisprudenza hija konfliġġenti dwar dan il-punt. Huwa minnu li hemm ġurisprudenza, kwotata mis-soċjeta' konvenuta li tiffavorixxi l-kalkoli a bażi tas-somma netta ta' salarju perċepit mid-danneġġjat. Iżda hemm ukoll ġurisprudenza oħra li timxi a bażi tal-paga gross. Din il-Qorti kif preseduta, kif diġa' kellha okkażjoni tagħmel f'kawżi ta' natura simili timxi in linea mas-salarju gross tad-danneġjat għax fil-fehma tagħha mhuwhiex kompitu tal-Qrati li jidħlu huma fil-kwistjonijiet ta' taxxa li strettament jispettaw lill-parti danneġġjata u d-Dipartiment tat-taxxi.*

*Hekk kif ingħad fil-każ* ***Ronnie Spiteri et vs Paza Ltd et deċiż fid-29 ta' Settembru 2016***[17] -

[16] Fol 25
[17] Rik Gur 153/08

*"Il-posizzjoni tal-Qrati tagħna – din il-Qorti tgħid – ġustament – hija li l-fattur rilevanti huwa l-gross wage għaliex it-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali huma rrilevanti għall-komputazzjoni tal-lucrum cessans billi dawk huma materji li jidħlu fil-kwadru tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u l-awtoritajiet fiskali tal-pajjiż iżda ċertament mhux fil-kuntest tar-relazzjoni bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant."*

*Ingħad ukoll fil-każ* ***Frank Brincat et vs Claudia Camilleri deċiż fis-26 ta' Novembru 2010***[18] **-**

*"Dwar is-salarju tad-decujus ……jista' jingħad li t-taxxa li seta kien qed iħallas jew li kien għad fadallu jħallas il-mejjet m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni. Fil-kawża "***Laura Formosa et vs Emanuel Spiteri et***" deċiża minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-28 ta'April 2005 saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet "***Muscat vs Schembri***" deċiża fis-27 ta Jannar 1972 fejn intqal li "l-income tax li seta' ħallas id-decujus ossia d-danneġġiat hi affari bejnu u l-gvern li fiha l-obbligat ma jidħolx. Bl-istess mod f'"***Micallef vs Cassar***" deċiża fl-10 ta' Mejju 1982 intqal li "l-kontribuzzjonijiet li seta' għamel id-danneġġiat għan-National Insurance m'għandhomx jitnaqqsu mill-paga."*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis li skont l-FSS tal-attur tal-2010 imsemmija aktar qabel, is-salarju gross tal-attur fl-epoka tal-inċident kien ta' €10,675 gross fis-sena li ghal fini ta' *multiplicand* se żżidhom ghal €13,000 biex jagħmlu tajjeb għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier*.

B'hekk **il-qliegħ annwali ser jiġi kalkulat fuq €13,000 fis-sena.**

---

[18] Rik 1663/1995

d. Ghal dak li jirrigwarda t-tnaqqis minhabba li l-hlas ser isir f'daqqa (***lump sum payment***), il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad mill-ewwel Qorti fil-każ ċitat supra **Ray Vella et vs Anthony D'Anastasi et -**

*"67. Ghalhekk fil-kawza tallum, meta mis-somma titnaqqas percentwali ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena li ghaddiet minn dakinhar li nfethet il-kawza (u cioe` fit-28 ta' Gunju 2005) sa dakinhar li tinghata s-Sentenza, ma jibqa' l-ebda percentwal x'jitnaqqas. Jinghad ukoll li minhabba l-fatt li diga` ghaddew nofs is-snin tal-multiplier, parti sew mill-kumpens ha jkun inghata b'lura iktar milli bil-quddiem. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkonsidra li m'ghandux isir it-tnaqqis tal-'lump sum payment'."*

Fuq l-istess binarji, fil-każ odjern jekk mis-sena 2014 meta nfetħet il-kawża sal-lum meta se tinħata s-sentenza kellu jitnaqqas 2% għal kull sena, ma jifdalx perċentwal x' jitnaqqas. Ukoll, peress li diġa' għaddew numru ta' snin mill-multiplier, parti mhux żgħira mill-kumpens ser tkun meqjusa bħala ħlas b'lura.

B'żieda ma' dan, u għal fini ta' kompletezza l-Qorti tirreferi għal dak li ngħad fis-sentenza **Alfred Cuschieri vs Mary Louise Refalo deċiż fl-10 ta' Jannar 2019 -**

*"Illi l-Qorti, mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħdha tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem*

*ieħor jiġi kkunsmat. Dan apparti li għaddew għaxar snin sħaħ mid-data tal-inċident."*

L-ammont dovut lill-attur bhala ***lucrum cessans*** sejjer ghalhekk jigi kalkulat kif gej:

€13,000 x 8% x 32 = €33,280

**TOTAL Damnum Emergens u Lucrum Cessans –**

€3,268 + €33,280 = **€36,548 (sitta u tletin elf, ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro).**

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-tieni u t-tielet talba tal-attur kif appena deċiż u għall-istess raġunijiet tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta.

L-ispejjeż għandhom ukoll jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta flimkien mal-imgħaxijiet legali li għandhom jibdew jiddekorru mill-lum.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident li seħħ nhar l-14 t'April 2011 waqt li l-attur kien qiegħed iwettaq dmiru fuq il-post tax-xogħol skont l-istruzzjonijiet tal-istess soċjeta';**

**3. Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida s-somma ta' €36,548 (sitta u tletin elf, ħames mija u tmienja u erbgħin Ewro) bhala *damnum emergens* u *lucrum cessans* konsegwenza tal-istess inċident;**

**4. Tilqa' t-tielet talba tal-attur u tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallsu s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-lum sad-data tal-pagament effettiv;**

**5. L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Dep. Reġ.**